

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/609**tat-18 ta' April 2016****li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 23 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/413/PESK.
- (2) Fl-14 ta' Lulju 2015, iċ-Ċina, Franza, il-Ġermanja, il-Federazzjoni Russa, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti, bl-appoġġ tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, laħqu ftehim mal-Iran dwar soluzzjoni komprensiva fit-tul għall-kwistjoni nukleari Iranjana. L-implimentazzjoni b'suċċess tal-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt (PAKK) ser tiżgura n-natura esklużivament paċifika tal-programm nukleari Iranjan u tipprovi għat-tneħħija komprensiva tas-sanzjonijiet kollha relatati man-nuklear.
- (3) Fl-20 ta' Lulju 2015, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni (UNSCR) 2231 (2015) li tapprova l-PAKK, thegġegħ l-implimentazzjoni sħiħa tagħha skont l-iskeda ta' żmien stabbilita fil-PAKK u tipprevedi azzjonijiet li għandhom isiru f'konformità mal-PAKK.
- (4) Il-PAKK, kif approvat mill-UNSCR 2231 (2015), jipprevedi b'mod partikolari li l-Unjoni għandha tnehhil l-miżuri restrittivi fis-seħħ kontra ċerti persuni u entitajiet f'Jum it-Tranżizzjoni (18 ta' Ottubru 2023), li hi d-data li tiġi 8 snin wara Jum l-Adozzjoni (18 ta' Ottubru 2015) jew f'mument qabel abbażi ta' rapport mid-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA) lill-Bord tal-Gvernaturi tal-IAEA u b'mod parallel lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU li jiddikjara li l-IAEA kkonkludiet li l-materjal nukleari kollu fl-Iran kien għadu jintuża f'attivitajiet paċifiċi ("Konklużjoni Aktar Ġenerali").
- (5) Il-Kunsill irrevoda d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet rigward entità waħda li għandha tkun soġġetta għal miżuri restrittivi sa Jum it-Tranżizzjoni u ddeċieda li għandha tiġi ssupplementata.
- (6) L-entrata fl-Anness għal din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-22 ta' Ottubru 2016.
- (7) Id-Deċiżjoni 2010/413/PESK għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK huwa emendat kif indikat fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data wara dik tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-18 ta' April 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

F. MOGHERINI

(1) ĠUL 195, 27.7.2010, p. 39.

ANNEX

L-entrata li ġejja tiddaħħal fil-parti I.B tal-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK sat-22 ta' Ottubru 2016:

I. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.

B. Entitajiet

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
"7a. (*)	Bank Saderat Iran (inklużi l-fergħat kollha) u s-sussidjarji	Bank Saderat Tower, 43 Somayeh Ave, Tehran, Iran	Peress li ttratta ittri ta' kreditu tal-Organizzazzjoni tal-Industriji tad-Difiża (DIO) f'Marzu 2009, il-Bank Saderat kiser id-dispożizzjonijiet tal-UNSCR 1737 li indikat id-DIO u għalhekk kienet teħtieġ l-iffriżar ta' fondi, assi finanzjarji u riżorsi ekonomiċi tagħha, u pprojbixxiet li jsiru disponibbli għaliha xi wieħed minn dawn. Billi ttrattat dawk l-ittri ta' kreditu, il-Bank Saderat assista wkoll lid-DIO fil-ksur tal-projbizzjoni li tinsab fil-UNSCR 1747 dwar l-akkwist u l-ġoti mill-Iran ta' kwalunkwe arma u materjal relatat	
	(a) Bank Saderat PLC (London)	5 Lothbury, London, EC2R 7 HD, Renju Unit	Sussidjarja 100 % proprjetà tal-Bank Saderat	

(*) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/609, din l-entrata għandha tapplika sat-22 ta' Ottubru 2016."